*Stanley Cauchi – Diploma Baroque Architecture jikteb dwar...*

# Il-Kappella ta' Alvernja fil-Konkatidral ta' San Ġwann u r-restawr tagħha



Immedjatament wara l-Assedju l-kbir tal-1565, il-Kavallieri ta' San Ġwann irrealizzaw li ma kinux ser jifilħu għal attakk ieħor mill-Ottomani sakemm ma jimmodernizzawx il-fortifikazzjonijiet. Għalhekk iddeċidew li jibnu belt ġdida fortifikata. Fl-1566 bdiet tinbena din il-belt u x-xogħol kien avvanzat mhux ħażin. Għalhekk fl-1571 l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann iddeċieda li jimxi mis-sit tiegħu fil-Birgu (Città Vittoriosa) għall-belt il-ġdida.

Bdew jinbnew l-ewwel palazzi, bereġ u knejjes u ma setax jonqos li l-Ordni ta importanza għall-bini tal-knisja konventwali tiegħu. Imfassal fuq stil relattivament innovattiv għal dik l-epoka, l-Arkitett Gerolamo Cassar ippjanta din il-knisja b'korsija ċentrali li tikkonsisti f'volta kbira u bi tliet kappelluni fuq kull naħa tagħha.

Fil-korsiji saru sitt kappelli, tlieta fuq kull naħa, li minnhom kienu inkarigati l-lingwi differenti tal-kavallieri. Waħda minn dawn il-kappelli, li kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kavallieri ta' Alvernja, hija ddedikata lil San Sebastjan. Din il-kappella hija waħda minn tnejn li l-altar tagħhom huwa mżejjen b'kolonni mmaljati u żgur li min iddisinjahom kien influwenzat mill-baldakkin li hemm fil-knisja ddedikata lil San Pietru fil-Vatikan u li kien iddisinjat mill-artist famuż Bernini. It-titular ta' din il-kappella huwa maħsub li kien xogħol il-pittur Lucas Garnier. Imwieled ġewwa Lorraine fi Franza minn familja nobbli fl-aħħar tas-seklu sbatax, Garnier kien ġie f'Malta fl-aħħar tas-sena 1620.

L-istil ta' din il-pittura huwa stil maqbud bejn il-Manneriżmu u l-istil *Caravaggesque* tal-*chiaro scuro* u jixbah ħafna lil San Sebastjan ta' Guido Reni. Fiż-żewġ ħnejjiet laterali tal-kappella hemm żewġ pitturi fil-lunetti li jirrappreżentaw żewġ xeni mill-ħajja ta' San Sebastjan. Dawn juru l-Papa Caius u lil San Sebastjan u fl-oħra hemm il-martirju tal-qaddis. L-awtur ta' dawn iż-żewġ pitturi huwa Giuseppe d'Arena minn Messina, li kien miżżewweġ lit-tifla ta' Silvestro Querio u li bħalu kien imlaqqam *il Romano*. Apparti mid-disa' wċuħ ta' oqbra li hemm fl-art f'din il-kappella u li jagħmlu parti mill-paviment

tal-Konkatidral, insibu wkoll il-monument tal-Gran Mastru Annet de Chermont de Chattes–Gessan.

Fl-1604 din il-kappella ġiet allokata lil-Lingwa ta' Alvernja peress li din kienet it-tieni l-aktar importanti fl-Ordni tal-Kavallieri. Huma għażlu li jiddedikaw din il-kappella lil San Sebastjan.

Il-ħitan tal-kappella huma ddekorati b'girlandi tal-fjuri skulturati fil-ġebla Maltija, li jissimbolizzaw il-prosperità li kien igawdi l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Huma wkoll iddominati minn denfil inkurunat, li huwa s-simbolu prinċipali tal-Lingwa ta' Alvernja. Dan ix-xogħol maestuż li jifforma parti minn din il-kappella huwa dovut għall-benefattur prinċipali Fra Juan de la Baume de Foursat li hija wkoll inċiża fuq il-friż tal-istess kappella u ġġib id-data tal-1667.



*Il-monument tal-Gran Mastru Annet de Chermont de Chattes-Gessan*

Ix-xogħol ta' restawr fuq din il-kappella, li sar fuq inizjattiva tal-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Ġwann u tlesta f'Mejju tal-2013, kien fdat lill-kumpanija Taljana, esperta fir-restawr, *Iconos Restauri*. Ir-restawr beda billi saret dokumentazzjoni tal-istat ta' konservazzjoni biex jiġi identifikat f'liema stat wasal il-livell ta' deterjorazzjoni u studji xjentifiċi biex jiddeterminaw x'tip ta' materjali kienu ntużaw fl-iskema tad-dekorazzjoni oriġinali tas-seklu sbatax. L-istudju wkoll identifika x'metodu ta' restawr kellu jintuża.

It-tindif kien jinvolvi t-tneħħija tat-trabijiet u l-ġmied li jirriżulta meta tinħaraq ix-xemgħa, il-konsolidament tal-iskultura u l-ħidma mill-ġdid ta' dawk il-partijiet li sfaw nieqsa. Il-ħitan reġgħu ngħataw il-ħajja b'induratura ġdida b'folju tad-deheb ta' 24 karat. Fl-induratura tal-volta ġie nnutat li kellha telf ta' kważi 90% mid-deheb oriġinali tagħha. L-aktar sors ta' ħsara kien ġej mill-penetrazzjoni tal-ilma mis-soqfa u mill-umdità. Problema oħra kienet dik tas-salinità fil-ġebla, speċjalment dik trasportata vertikalment, jiġifieri mill-art 'il fuq. F'perjodu fis-seklu dsatax kien sar intervent ta' restawr però flok folji tad-deheb għall-induratura kienu ntużaw folji foloz. Minħabba riżultat ta' traskuraġni u telqa matul is-snin, il-kulur ħamrani fuq il-ħitan sar griż minħabba li ossida u l-kulur kaħlani li kien dak oriġinali, kien ġie mibdul f'wieħed aktar ċar

f'intervent li kien sar fi stadju aktar bikri.

Waqt studji aktar profondi tal-istat tal-kappella, irriżulta li l-induratura oriġinali kienet saret f'żewġ perjodi differenti u b'teknika differenti wkoll.

L-infiltrazzjoni tal-ilma u l-umdità vertikali affettwaw ukoll l-iskultura li hemm mal-ħitan. Ir-restawraturi nnutaw ukoll preżenza qawwija ta' trab. Fil-fatt huma rrimarkaw li qatt ma raw daqstant trab waqt intervent ta' restawr daqskemm kienu raw f'Malta. Il-metodu ta' restawr li ntuża kien jinkludi ħasil regolat bl-ilma u aktar tard intervent bil-fwar, li neħħa dik il-lega griża u ta ħajja mill-ġdid lill-induratura biex terġa' tiġi tleqq bħal qabel. Il-biċċiet tal-iskultura li kienu ntilfu reġgħu ġew immudellati u mpoġġija f'posthom permezz ta' pinnijiet tal-*fibreglass*. Is-salinità fil-ġebla ġiet estratta permezz ta' pakki magħmula minn tafal apposta u karta Ġappuniża.



L-aħħar fażi tar-restawr kienet l-induratura mill-ġdid ta' dawk il-partijiet li kienu spiċċaw għalkollox, bl-aħħar fażi tkun dik tal-brukkat magħmula b'teknika magħrufa bħala *batik*.

Il-pittura tat-titular ta' San Bastjan ukoll ġiet restawrata. Ir-restawr sar b'reqqa kbira fejn intużaw interventi b'delikatezza kbira. Tneħħew saffi varji ta' verniċ u interventi oħra li ma kinux saru skont ir-regoli tar-restawr. Kien evidenti li dawk iż-żewġ materjali kienu qegħdin joskuraw il-kuluri vibranti li kienu ntużaw fl-eżekuzzjoni tal-pittura oriġinali. Minn dan ir-restawr ħareġ ċar li l-pittura ħadmu fuqha żewġ artisti għax instab intervent ta' żewġ tekniki differenti. Minbarra l-attribut lil Lucas Garnier, parti minn dan il-kwadru ġie attribwit minn ħafna lil Silvestro Querio wkoll.

Din il-kappella flimkien mat-titular hija waħda mill-isbaħ li wieħed jista' jsib fil-gżejjer Maltin u tkun ħaġa sabiħa li kull min hu devot ta' San Sebastjan jagħtiha titwila, issa li reġgħu ħarġu s-sbuħija u l-ġmiel tagħha wara r-restawr intensiv li sarilha.

**Sors ta' informazzjoni:**

Cutajar Domenic *(1999) History and works of art of St. John's church Valletta Malta – MJ Publications, Malta.*

Dane Munro *(2005) Momento Mori – a companion to the most beautiful floor in the world – MJ Publications, Malta.*

http://www.stjohnscocathedral.com/

http://www.independent.com.mt/